## QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 245 / 16RGM

Kawza fil-lista: 17

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Noel Scerri li b'digriet datat 14 ta' Novembru 2016 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D E F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijtet izzewgu fl-27 ta' Jannar 2004 gewwa r-Registru Pubbiiku ta' Malta, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg bin-numru 86/2004;

2. Illi minn din l-ghaqda ma twieldux tfal;

3. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b'anomalija

psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-istess partijiet li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi pprezentata fit-13 ta' Jannar 2017 fejn iddikjaraw li ma kienhux edotti mill-fatti, rriservaw id-dritt li jippresentaw eccezzjonijiet ulterjuri meta jaghamlu kuntatt mal-assenti u talbu dettalji tieghu biex jkunu jistghu jikkommunikaw mieghu;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fl-4 ta' Mejju 2017 li maghha annettiet l-affidavit taghha stess u ta' missierha Charles C;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici pprezentata fl-1 ta' Gunju 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2017 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fis-7 ta' Marzu 2017, Fol 24, ikkonfermat li zzewget lill-konvenut D E F G fis-27 ta' Jannar 2004 fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta u li ma twieldux tfal min dan iz-zwieg.

Hi kkonfermat li qatt ma ghexet mal-konvenut bhala mara mizzewga. Huma qatt ma ghixu flimkien u qatt ma kellhom hajja matrimonjali flimkien. Hi kienet darba ltaqghet mieghu, kellimha u hadet grazzja mieghu u qalilha biex l-ghada jiltaqghu il-Belt. L-ghada ltaqghu il-Belt ghall-café, u qalilha li ried jizzewwigha u jekk taccetta jaghtiha rigal, pero' riedet taqbad u tiddeciedi. F'dak iz-zmien hi kienet ghaddejja minn zmien difficili hafna u minghajr hsieb ta' xejn qabdet u accettat. Marru fir-Registru Pubbliku u applikaw biex jizzewwgu. Hi ma tkellmet ma hadd dwar dan. Ix-xhieda ma tafx min huma ghax kien gabhom il-konvenut.

Hi zzewwget lill-konvenut tlett xhur wara li ltaqghet mieghu u wara taha rigal ta' €700. Hi kkonfermat li ma kienu ghamlu l-ebda preparamenti ghaz-zwieg, qatt ma ddiskutew ikollhomx tfal, fejn kienu ser joqghodu, u qatt ma ghamlu xi att ta' gharajjes /mizzewwgin. Hi ma kinitx tifhem dak li kienet qed taghamel. Hu kien

qalilha li jizzewwgu u jkomplu johorgu flimkien, hi accettat, pero' wara li zzewwgu il-konvenut sparixxa. Hi tammetti li kienet immatura hafna meta ddecidiet li tizzewweg lill-konvenut.

Hi tghid li ghalkemm izzewgu l-anqas kienu jafu lill-xulxin, hu qatt ma ltaqa' mal-familjari taghha u hi qatt ma ltaqghet mal-familjari tieghu. Hi llum irrealizzat kemm kienet immatura fid-decizjoni taghha billi kif izzewwgu il-konvenut 'qabad u telaq'. Hi kkonfermat li wara s-27 ta' Jannar 2004 qatt ma regghet rat lill-konvenut u sallum ma tafx fejn jinsab. Ma ghandha l-ebda kuntatt mieghu.

Missierha sar jaf b'dan kollu recentement billi ohtha Yana mietet tragikament b'incident stradali, saru proceduri legali kontra l-persuna responsabbli ghall-incident, u meta marru ghand in-Nutar biex jikkonkludu kellha tghid lill-missierha b'din l-istorja. Hemmhekk missierha kien qalilha li dak ma kienx zwieg izda gennata kbira u ghalhekk qed issir din il-kawza.

Hi ddikjarat li kienet immatura hafna meta ddecidiet li tizzewweg, ma kellhiex idea x'kienu l-obbligi u r-responsabiltajiet li jgib mieghu z-zwieg u peress li d-decizjoni haditha malajr minghajr ma fehmet l-konsegwenzi, temmen li z-zwieg mhux validu.

Charles C, missier l-attrici, fl-affidavit tieghu mahluf fis-7 ta' Marzu 2017, Fol 26, ikkonferma li hu ma kien jaf xejn biz-zwieg ta' bintu. Hu kkonferma li lill-konvenut ma jafx min hu, qatt ma ltaqa' mieghu jew ma membri tal-familja tieghu. Qatt ma ra lill-konvenut ma bintu u ma jafhomx bhala koppja flimkien.

Hu kkonferma li kien sar jaf b'dan recentement meta bintu qaltlu li kienet tidher bhala mizzewwga. Hu haseb li din kienet xi cajta, pero' wara kien irrizulta li effettivament A kienet mizzewwga lil certu D E F G.

Hu kien hadha bi kbira mal-attrici billi kienet immatura ghall-ahhar biex tizzewweg bniedem li lanqas biss kienet tafu, li kien barrani u ma kellu l-ebda rabta ma Malta, u li kellhom jghaddu kwazi tlettax il-sena biex sar jaf x'kien gara.

Meta bintu qaltlu bl-istorja kollha kien irrakkomandalha li tieghu parir legali billi dan zgur ma jistax jitqies bhala zwieg billi bintu ghadha zghira u hadd ghandha futur quddiemha.

KONSIDERAZZJONIJIET.

L-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut, il-partijiet izzewgu fis-27 ta' Jannar 2004, jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi billi

l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu  jew ta' xi wahda jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga skond l-Artikolu 19(1)(f) tal-kap 255 u li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Irrizulta li l-partijiet izzewgu fir-Registru fis-27 ta' Jannar 2004, meta l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 26 sena; id-dati tat-twelid taghhom huma indikati fic-certifikat taz-zwieg, Fol 5. Il-kawza giet pprezentata fis-27 ta' Ottubru 2016, aktar minn tnax il-sena wara iz-zwieg. Din l-inkonsistenza apparenti, l-attrici tispjegha fl-affidavit taghha meta ddikjarat li qatt ma qalet lil hadd mill-familja taghha biz-zwieg taghha mal-konvenut, izda recentement kienet kostretta tiddikjara l-istat taghha billi dehret fuq att notarili sussegwenti l-mewt tragika ta' ohtha Yana, li mietet f'incident stradali. Dan wara li hi, hutha u missierha presumibilment dehru fuq att notarili meta rcevew l-ammont ta' danni likwidat mill-Qorti. Hi tghid li missierha qalilha li dak iz-zwieg kien 'gennata kbira' u kien ghal din ir-raguni li l-kawza ghall-annulament taz-zwieg saret tant snin wara l-istess zwieg.

L-attrici ddikjarat li kienet immatura ghall-ahhar meta accettat il-proposta tal-konvenut li jizzewwigha, persuna li ghalkemm kellha grazzja mieghu ma kinitx tafu, u l-interess taghha kien semplicement li tibqa' tohrog mieghu, mhux li tizzewwgu. Izda hu weghdha rigal ta' flus u ried risposta immedjata. Gab zewg persuni li hi ma kinitx taf biex jkunu xhieda, izzewwgu u l-anqas ghamel gurnata maghha billi 'qabad u telaq'. Immedjatament wara li zzewwgu l-konvenut sparixxa.

Ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jindikaw li l-attrici ma kinitx tifhem sew xi jfisser zwieg u l-obbligi li jgib mieghu, l-konvenut mill-banda l-ohra jidher li ried jizzewweg probabilment biex jkun jista' jahdem hawn Malta, zwieg simulat li jeskludi z-zwieg innifsu. Dan hu kkonfermat mill-fatt li l-konvenut insista fuq zwieg fl-aqsar zmien possibbli, biex sparixxa immedjatament wara.

Dwar il-kawzali skond l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255, fil-kawza fl-ismijiet "Magri vs Magri" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1994 gie dikjarat li:

" Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg hu wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja".

Fil-kawza fl-ismijiet "Al Chahid vs Mary Spiteri" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002 inghad li:

“ Wiehed jinnota li taht l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta’ il-kunsens tieghu kien gia’ mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tall-annullament taz-zwieg”.

Fil-kawza fl-ismijiet “ Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et noe.” Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Mejju 2002 intqal li:

“ meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed jrid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed(jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens tieghu validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg….. hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga”.

Dwar iz-zwieg ta’ konvenjenza gie ritenut li:

“ Fi zwieg ta’ konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija u/jew id-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu”.

“MaryRose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Mejju 2000 u “Carmen El Shimi gia’ Tanti vs Ibrahim D El Shimi” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’Gunju 2002.

Intqal ukoll li:

“Meta l-uniku skop tal-kontraent jkun li jibqa’ Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f’dawn il-kazijiet wiehed ma ghandhux jistenna li jsib prova direttatas-simulazzjoni, fis-sens ta’ xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta’ dak li jkun, pero’ tali intenzjoni tista’ tigi manifesta wkoll implicitament”.

Ara “Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Ottubru 1995 u “ Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramdan Wahba Mabrouk” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Jannar 1998.

Il-fatt li l-konvenut hallas lill-attrici €700 biex tizzewgu u tizzewgu minnufih, u immedjatament wara li zzewgu sparixxa jikkostitwixxi indizzju car tal-intenzjoni tal-konvenut, li ghalih dan kien zwieg ta' konvnjenza biex jkun jista' jahdem Malta.

Dwar il-kawzali skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 fil-kawza fl-ismijiet "Charles Atkins vs Matilde Atkins" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003 intqal:

"Il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedix maturita'shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi….Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tghamilhom kapaci jirreflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom".

Fil-kawza fl-ismijiet " Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000 intqal:

"Id-difett irid ikun wiehed seju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga".

Fil-kawza fl-ismijiet "Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Fis-26 ta' Ottubru 2000 intqal 'inter alia' s-segwenti:

"Biex jkun hemm in-nuqqas jew difett serju ta'diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita' psikika (u mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jgharaf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali".

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-unika motivazzjoni tal-attrici biex tizzewweg lill-konvenut kienet li riedet tohrog mieghu. Il-Ligi, kif konfermat mid-decizjonijiet citati 'supra' ma tirrikjedix maturita' shiha u perfetta ta' dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, pero' jehtieg li l-partijiet jkollhom konoxxenza shiha tal-obbligi u drittijiet

konjugali taghhom u jinhtieg li jkollhom dik il-maturita' li jkunu kapaci jifhmu x'inhuma d-dittijiet u r-reponsabbiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewga.

Din il-maturita' kienet manifestament karenti fl-attrici li dahhlet ghall-zwieg mghaggel minghajr ma kellha l-icken idea x'kienu d-drittijiet u l-obbligi tal-konjugi fiz-zwieg. Dan iffisser li l-kunsens taghha kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu19(1)(d) fuq citat.

DECIDE.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici, tiddikjara null u bla effett fil-Ligi z-zwieg tal-partijiet celebrat fis-27 ta' Jannar 2004 billi l-kunsens tal-istess attrici kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 u dak tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**